**Daret is-siegħa**

Qomt maħsud, ma nafx fejn jien,
Kemm għaqad u dar l-arloġġ,
Bdejt issa jum ġdid ħidma
L'Alla nitlob għall-appoġġ.

Ħaġa qed tiġi f'qalbi
Il-ħajja tgħaddi malajr,
Il-ħin jaġġusta ruħu
Ħa nibda għanja ta' ħajr.

Mulej, f'dal-ħin hekk mahrub
Agħtini l-grazzja tas-skiet,
Biex nitpaxxa b'għemilek
Li jimlini bil-barkiet.

Imbierek dan is-siggu
O kemm jgħinni nħares lejk,
Quddiemek nħossni sewwa
Nista' nara ħbub għajnejk.

Għalija l-minutieri
Li jmexxuni 'il quddiem,
Jagħtuni direzzjoni
Jimlewli ta' ħajti l-jiem.

Għalhekk, fil-paċi nistrieħ
U nithenna bl-imħabba,
Għax hi biss tibqa' miexja
Lejn Alla, fih titrabba.

Imbierek int Mulejja
Inti l-vera rebbiegħa,
Fik nara w nħoss il-fejqan
Kif daret din is-siegħa.

Patri Mario Attard OFM Cap
30 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.